

**MT**

**MT**

**MT**



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 24.9.2010  
KUMM(2010) 533 finali

**ABBOZZ TAL-BAĠIT EMENDATORJU Nru 8  
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2010**

**DIKJARAZZJONI TAN-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA  
Taqsim III – Il-Kummissjoni**

(imressqa mill-Kummissjoni)

## **ABBOZZ TAL-BAĠĠIT EMENDATORJU Nru 8 GĦALL-BAĠĠIT ĠENERALI TAL-2010**

### **DIKJARAZZJONI TAN-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA Taqsim III – Il-Kummissjoni**

Wara li kkunsidrat:

- it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikolu 106a tiegħu,
- ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,
- il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 adottat fis-17 ta' Diċembru 2009<sup>2</sup>,
- il-baġit emendatorju 1/2010 adottat fid-19 ta' Mejju 2010<sup>3</sup>,
- il-baġit emendatorju 2/2010 adottat fis-16 ta' Ġunju 2010<sup>4</sup>,
- il-baġit emendatorju 3/2010 adottat fis-7 ta' Settembru,
- abbozzi tal-baġits emendatorji Nru 2/2010<sup>5</sup>, 3/2010<sup>6</sup>, 5/2010<sup>7</sup>, 6/2010<sup>8</sup> u 7/2010<sup>9</sup>.

Il-Kummissjoni Ewropea hawnhekk tippreżenta lill-awtorità tal-baġit l-Abbozz tal-Baġit Emendatorju Nru 8 għall-baġit tal-2010.

### **BIDLJET FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA**

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u n-nefqa skont it-taqsim huma disponibbli fuq EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-en.htm>). Verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet f'dawn id-dikjarazzjonijiet skont it-taqsim hija mehmuża għall-informazzjoni bħala anness tal-baġit.

---

<sup>1</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p.1.

<sup>2</sup> ĠU L 64, 12.3.2010.

<sup>3</sup> ĠU L 183, 16.7.2010.

<sup>4</sup> ĠU L 206, 6.8.2010.

<sup>5</sup> COM(2010) 108

<sup>6</sup> COM(2010) 149

<sup>7</sup> COM(2010) 320

<sup>8</sup> COM(2010) 315

<sup>9</sup> COM(2010) 383

## WERREJ

1.	Introduzzjoni .....	3
2.	Mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE.....	3
2.1.	L-Irlanda: Għargħar .....	3
3.	Finanzjament.....	5
4.	Tabella sommarja b'intestatura tal-qafas finanzjarju .....	7

### 1. INTRODUZZJONI

L-Abbozz tal-Baġit Emendatorju (ABE) Nru 8 għas-sena 2010 jkopri l-elementi li ġejjin:

- Mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE għal ammont ta' EUR 13,0 miljuni fl-appropriazzjonijiet għall-impenji marbuta mal-effetti tal-għargħar serju li laqtu l-Irlanda.
- Tnaqqis korrispondenti fl-appropriazzjonijiet għall-impenji ta' EUR 13,0 miljuni mil-linja 04 02 01 — Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) — Objettiv 1 (2000 sal-2006).

### 2. MOBILIZZAZZJONI TAL-FOND TA' SOLIDARJETÀ TAL-UE

#### 2.1. L-Irlanda: Għargħar

F'Novembru tal-2009, il-parti l-kbira tal-Irlanda intlaqtet minn xita qawwija li wasslet għal għargħar qalil. L-għargħar ikkawża ħsarat serji fis-settur tal-agrikoltura, fi proprjetajiet residenzjali u tan-negozju, fin-netwerk tat-toroq u infrastruttura oħra.

Sussegwentement, l-Irlanda ressqet applikazzjoni għal għajnuna finanzjarja mill-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea.

Is-servizzi tal-Kummissjoni wettqu investigazzjoni eżawrijenti tal-applikazzjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002<sup>10</sup> u b'mod partikolari l-Artikoli 2, 3 u 4 tiegħu. Fil-qosor, l-aktar elementi importanti tal-valutazzjoni huma dawn:

- (1) L-applikazzjoni waslet għand il-Kummissjoni fis-27 ta' Jannar 2010, li kien fil-limitu preskritt ta' 10 ġimgħat wara li kienu rreġistrati l-ewwel ħsarat fid-19 ta' Novembru 2009. Fil-15 ta' Ġunju 2010, wara talba mill-Kummissjoni tal-24 ta' Marzu, l-awtoritajiet Irlandiżi ppreżentaw informazzjoni ulterjuri li tikkonferma fost l-oħrajn l-ammont stmat għal-ħsara diretta totali u ppreżentaw evalwazzjoni aktar irfinuta tal-ħsarat.
- (2) Id-diżastru huwa ta' orġini naturali u għalhekk jaqa' taħt il-qasam tal-applikazzjoni tal-Fond ta' solidarjetà.

---

<sup>10</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jstabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, ĠU L 311 tal-14.11.2002, p. 3.

- (3) L-awtoritajiet Irlandiżi stmax li l-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru hi ta' EUR 520,9 miljun. Dan l-ammont jirrappreżenta madwar 55.68 % tal-limitu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà applikabbli għall-Irlanda fl-2010 ta' EUR 935,45 miljuni (jiġifieri 0.6% tad-DGN ibbażat fuq id-dejta tal-2008).
- (4) Peress li l-ħsara totali tibqa' taħt il-limitu normali l-applikazzjoni kienet eżaminata fuq il-bażi tal-kriterju tal-hekk imsejjaħ “diżastru reġjonali straordinarju” stabbilit fl-Artikolu 2(2), is-subparagrafu finali tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002 li jstipula l-kundizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà “taħt ċirkostanzi eċċezzjonali”. Taħt dan il-kriterju, reġjun jista' eċċezzjonalment jibbenefika wkoll minn għajjnuna mill-Fond fejn dan ikun affettwat minn diżastru straordinarju, prinċipalment wieħed naturali, li jaffettwa l-parti l-kbira tal-popolazzjoni tiegħu, u li jħalli riperkussjonijiet serji u li jdumu fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien u fuq l-istabbiltà ekonomika tar-reġjun. Ir-Regolament jitlob konċentrazzjoni speċjali fuq ir-reġjuni remoti u iżolati, bħal reġjuni insulari u l-aktar imbiegħda kif definiti fl-Artikolu 349 tat-Trattat. Ir-Regolament isejjaħ "rigorożità mill-akbar" fl-evalwazzjoni ta' applikazzjonijiet ippreżentati taħt il-kriterju ta' "diżastru straordinarju reġjonali".
- (5) L-Irlanda hi parti mit-tielet l-akbar gżira fl-Ewropa li qiegħda fil-fruntiera tal-Majjistral tal-Ewropa kontinentali. Filwaqt li l-Irlanda mhix reġjun l-aktar imbiegħed kif iddefinit fit-Trattat l-insularità u d-distanza tagħha mill-art prinċipali Ewropea għandhom impatt ċar fuq is-sitwazzjoni ekonomika tagħha u jagħmluha aktar vulnerabbli. Dawn il-fatturi ma jistgħux jiġu skartati fl-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tal-Irlanda għall-għajjnuna mill-Fond ta' Solidarjetà.
- (6) Kif stipulat fir-Rapport Annwali dwar il-Fond ta' Solidarjetà (2002-2003<sup>11</sup>) il-Kummissjoni tikkunsidra li sabiex il-kriterji speċifiċi għad-diżastri reġjonali jkollhom tifsira fil-kuntest nazzjonali, għandha ssir distinzjoni bejn avvenimenti serji reġjonali u dawk li jkunu biss lokali. Bi qbil mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, dawk tal-aħħar jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali, filwaqt li dawk tal-ewwel jistgħu jiġu kkunsidrati għall-għajjnuna taħt il-Fond ta' Solidarjetà. Id-diżastru tal-għargħar effettwa serjament il-parti l-kbira tat-territorju tal-Irlanda. L-awtoritajiet Irlandiżi jgħidu li d-diżastru kompli għarraġ b'mod drammatiku s-sitwazzjoni fejn l-Irlanda kienet qiegħda diġà ssofri mill-aktar kriżi ekonomika serja li l-pajjiż ra ma' wiċċu fl-aħħar deċenji.
- (7) Waħda mill-kundizzjonijiet stabbilita fir-Regolament 2012/2002 għall-mobilizzazzjoni eċċezzjonali tal-Fond hi li tkun intlaqtet il-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni tar-reġjun li għalih ikun hemm l-applikazzjoni. Ir-reġjun li fuqu hi msejsa l-applikazzjoni Irlandiża tinkludi żona koerenti ta' 15-il kontea b'aktar minn 1.7 miljun abitant (madwar żewġ terzi tat-territorju Irlandiż u 40% tal-popolazzjoni). L-applikazzjoni tiddekrivi l-modi differenti li bihom ġiet affettwata l-popolazzjoni permezz ta' ħsarat personali u l-interruzzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi, it-tħarbit tal-utilitajiet ewlenin, u l-interruzzjonijiet u l-ħsarat tan-netwerks tat-toroq. Ħlief għal Cork u Galway City, il-parti l-kbira tal-ħsarat seħħew f'inħawi predominantement rurali fejn l-infrastruttura tat-toroq hi kruċjali biex ikunu jistgħu jsiru l-attivitajiet ta' kuljum. Aktar minn hekk, b'rabta ma' dawk li ntlawtu direttament, ammont sinjifikanti ta' individwi rċevew għajjnuna mill-Iskema ta' Għajjnuna Umanitarja Soċjali u tal-Affarijiet tal-Familja.

---

<sup>11</sup> Rapport Annwali 2002-2003 u Rapport dwar l-esperjenza miksuba wara sena ta' applikazzjoni tal-istrument il-ġdid, COM(2004) 397 finali tas-26.5.2004.

Fattur partikolari hu d-dewmien fit-tul tal-għargħar li f'xi nħawi baqa' sejjer għal diversi xhur. Għaldaqstant wieħed jista' jikkonkludi, li kif deskritt fl-applikazzjoni Irlandiża, intlaqtet il-parti l-kbira tal-popolazzjoni.

- (8) Rigward l-impatt u l-konsegwenzi tal-għargħar kif ukoll ir-rekwiżit li jintwerew riperkussjonijiet serji u tat-tul fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-istabbilita ekonomika tar-reġjun, l-applikazzjoni tirreferi b'mod partikolari għad-distabbilizzazzjoni tal-infrastruttura bil-ħsarat li saru lil din tal-aħħar biss jaqbu l-EUR 159 miljun. Ir-reġjun milqut mill-għargħar jinkludi kontej fir-reġjun NUTS2 tal-Border, Midland u Western fejn il-valur miżjud gross (VMG) ras għal ras hu biss 69.3 % tal-medja Statali (mid-dejta tal-2007). Ir-reġjun Midland għandu l-aktar MVG baxx ras għal ras ta' 65.8 % tal-medja Statali. Bil-kriżi ekonomika akuta tas-snin li ghadew u l-ftit opportunitajiet ta' xogħol li hemm bħalissa, l-għargħar ikkawżaw defiċit fl-impjeggi saħansitra aktar għoli. Barra minn hekk, is-sehem tal-MVG tal-agrikoltura fir-reġjun milqut hu ogħla mir-reġjuni kollha l-oħra tal-Irlanda. Bosta bdiewa kellhom jingħataw l-għajxien taħt l-Iskema tal-Għajxien għall-Għalf Imħassar minħabba li l-ħażniet kollha tal-għalf li kellhom inqerdu. It-tħarbit fil-produzzjoni tal-irziezet toqot proporzjonalment lil numru aktar ta' persuni fir-reġjuni milquta b'mod aktar sinjifikanti mill-effetti fuq reġjuni li jkunu anqas dipendenti fuq is-settur agrikolu. L-insularita tal-Irlanda u d-distanza relattiva mill-ekonomiji tal-kontinent prinċipali Ewropew iżidu mad-diffikultajiet biex wieħed jistajjer minn sitwazzjoni li hi diffiċli biżżejjed fiha nfisha. Kollox ma' kollox, wieħed jista' jikkonkludi li l-għargħar ikkawża riperkussjonijiet serji u tat-tul fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-istabbilita ekonomika f'żona predominantement rurali li qed tissielet biex ittejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tinkoraġġixxi l-opportunitajiet ta' investment.
- (9) Il-kost tal-operazzjonijiet eliġibbli taħt l-Artikolu 3(2) tar-Regolament 2012/2002 hu stmat għal EUR 111.5 miljun u mqassam f'4 kategoriji: A) restawr immedjat tal-infrastruttura biex wieħed ikun jista' jużaha, B) akkomodazzjoni temporanja tas-serizzi ta' salvataġġ, C) infrastrutturi preventivi u protezzjoni immedjata tal-wirt kulturali u D) it-tindif taż-żoni/inħawi milquta mid-diżastru.
- (10) Ir-reġjuni effettwati huma eliġibbli bħala "Reġjuni ta' Kompetittivita u Impjeggi" (8 reġjuni) u "Reġjuni phasing-in" (7 reġjuni) taħt il-Fondi Strutturali (2007-2013).
- (11) Fir-rigward ta' kopertura possibbli tal-ħsara eliġibbli mill-assikurazzjoni, l-awtoritajiet Irlandiżi indikaw li m'hemm l-ebda kopertura tal-assikurazzjoni tal-kost eliġibbli.

Bħala konklużjoni, għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, l-għargħar imsemmi fl-applikazzjoni jista' jkun meqjus bħala straordinarju skont it-tifsira tar-Regolament u jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2(2), l-aħħar subparagrafu tar-Regolament Nru 2012/2002 biex jiġi mobilitat b'mod ecezzjonali l-Fond ta' Solidarjeta.

### 3. FINANZJAMENT

Il-bagıt totali annwali disponibbli għall-Fond ta' Solidarjeta huwa ta' EUR 1 biljun. Billi solidarjeta kienet il-ġustifikazzjoni ċentrali għall-ħolqien tal-Fond, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-għajxien mill-Fond għandha tkun progressiva. Dan ifisser li, skont Prattika Preċedenti, il-parti tal-ħsarat li taqbeż il-limitu (0.6 % tad-DGN jew EUR 3 biljun bil-prezzijiet tal-2002, liema minnhom ikun l-iżgħar ammont) għandha twassal għal intensita ta' għajxien akbar minn ħsarat li jaslu sal-limitu. Ir-rata applikata fl-imgħoddi biex jiġu definiti

l-allokkazzjonijiet għal diżastri maġġuri hija ta' 2,5% tal-ħsara diretta totali taħt il-limitu tal-mobilizzazzjoni tal-Fond u 6% 'l fuq. Il-metodoloġija biex isir il-kalkolu tal-ghajjnuna mill-fond ta' Solidarjetà kienet stabbilita fir-Rapport Annwali 2002-2003 dwar il-fond ta' Solidarjetà u aċċettata mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew.

Qed issir il-proposta li jkunu applikati l-istess perċentwali f'dan il-każ u li jingħataw l-ammonti li ġejjin bħala għajjnuna:

(f'EUR)

	Ħsara diretta	Limitu minimu	Ammont ibbażat fuq 2.5 %	Ammont ibbażat fuq 6 %	Ammont totali tal-ghajjnuna proposta għajjnuna proposta
Irlanda, għargħar tal-2009	520 900 000	935 456 000	13 022 500	0	13 022 500
<b>Total</b>					<b>13 022 500</b>

Dan l-ammont ta' kumpens se jħalli mill-anqas 25% tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea disponibbli għall-allokkazzjoni matul l-aħħar kwart tas-sena, kif mitlub mill-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) 2012/2002.

Fl-istadju preżenti il-ħtiġijiet mistennija fuq il-linja baġitarja 04 02 01 — Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) — Objettiv 1 (2000 sal-2006) huma tali li l-approprijazzjonijiet għall-ħlasijiet tal-EUR 13 022 500 jistgħu jiġu allokati għal-linja baġitarja 13 06 01 biex ikopru l-ħtiġijiet korrispondenti marbuta mal-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE.

#### 4. TABELLA SOMMARJA B'INTESTATURA TAL-QAFAS FINANZJARJU

Qafas finanzjarju Intestatura/subintestatura	Qafas finanzjarju 2010		Baġit 2010 (inklużi BE 1 sa BE 3 u ABE 2 sa ABE 3 + ABE 5 sa ABE7)		ABE 8/2010		Baġit 2010 (inklużi BE 1 sa BE 3 u ABE 2 sa ABE 3 + ABE 5 sa ABE 8)	
	AI	AH	AI	AH	AI	AH	AI	AH
<b>1. TKABBIR SOSTENIBBLI</b>								
1a. Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	14 167 000 000		14 861 853 253	11 342 270 803			14 861 853 253	11 342 270 803
1b. Koeżjoni għat-tkabbir u l-impjiegi	49 388 000 000		49 387 592 092	36 384 885 000		-13 022 500	49 387 592 092	36 371 862 500
<b>Total</b>	<b>63 555 000 000</b>		<b>64 249 445 345</b>	<b>47 727 155 803</b>			<b>64 249 445 345</b>	<b>47 740 178 303</b>
<i>Marġini<sup>12</sup></i>			<i>-194 445 345</i>				<i>-194 445 345</i>	
<b>2. PRESERVAZZJONI U ĠESTJONI TAR-RIŻORSI NATURALI</b>								
Li minnhom nefqa relatata mas-suq u ħlasijiet diretti	47 146 000 000		43 819 801 768	43 701 207 586			43 819 801 768	43 701 207 586
<b>Total</b>	<b>59 955 000 000</b>		<b>59 498 833 302</b>	<b>58 135 640 809</b>			<b>59 498 833 302</b>	<b>58 135 640 809</b>
<i>Marġini</i>			<i>456 166 698</i>				<i>456 166 698</i>	
<b>3. ĊITTADINANZA, LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA</b>								
3a. Libertà, Sigurtà u Ġustizzja	1 025 000 000		1 006 487 370	738 570 370			1 006 487 370	738 570 370
3b. Ċittadinanza	668 000 000		668 000 000	659 387 500	+13 022 500	+13 022 500	681 022 500	672 410 000
<b>Total</b>	<b>1 693 000 000</b>		<b>1 674 487 370</b>	<b>1 397 957 870</b>	<b>+13 022 500</b>	<b>+13 022 500</b>	<b>1 687 509 870</b>	<b>1 410 980 370</b>
<i>Marġini<sup>13</sup></i>			<i>18 512 630</i>				<i>18 512 630</i>	
<b>4. L-UE BĦALA ATTUR GLOBALI<sup>14</sup></b>	<b>7 893 000 000</b>		<b>8 160 182 000</b>	<b>7 787 695 183</b>			<b>8 160 182 000</b>	<b>7 787 695 183</b>
<i>Marġini</i>			<i>-18 300 000</i>				<i>-18 300 000</i>	
<b>5. AMMINISTRAZZJONI<sup>15</sup></b>	<b>7 882 000 000</b>		<b>7 918 504 785</b>	<b>7 917 999 785</b>			<b>7 918 504 785</b>	<b>7 917 999 785</b>
<i>Marġini</i>			<i>43 495 215</i>				<i>43 495 215</i>	
<b>TOTAL</b>	<b>140 978 000 000</b>	<b>134 289 000 000</b>	<b>141 501 452 802</b>	<b>122 966 449 450</b>	<b>+13 022 500</b>		<b>141 514 475 302</b>	<b>122 966 449 450</b>
<i>Marġini</i>			<i>518 729 198</i>	<i>11 651 432 550</i>			<i>518 729 198</i>	<i>11 651 432 550</i>

<sup>12</sup> Il-Fond Ewropew ta' aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) mhuwiex inkluż fil-kalkolu tal-marġini taħt l-Intestatura 1a (EUR 500 miljun). EUR 195 miljun 'il fuq mill-limitu massimu huma ffinanzjati bil-mobilizzazzjoni tal-Istrument tal-Flessibbiltà.

<sup>13</sup> L-ammont tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) jiddaħħal apparti l-intestaturi rilevanti kif previst mill-IIA tas-17 ta' Mejju 2006 (ĠU C 139 tal-14.6.2006)

<sup>14</sup> Il-marġini 2010 għall-intestatura 4 ma jikkunsidrax l-appropjazzjonijiet relatati mar-Riżerva għall-Għajnuna ta' Emerġenza (EUR 248,9 miljun).

<sup>15</sup> Għall-kalkolu tal-marġini taħt il-limitu massimu tal-intestatura 5, ittieħed kont tan-nota (1) f'qiegħ il-paġna fil-qafas finanzjarju 2007-2013 għal somma ta' EUR 80 miljun għall-kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni.